# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 750/20TA**

**Aghil Mousa pro et noe**

**Vs**

**Fatih Pancar et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Fatih Pancar u Elmo Insurance Limited (ir-rikorrenti) tat-13 ta' Marzu 2024.

Rat ir-risposta ta' Mousa Aghil (l-intimat) tal-20 ta' Marzu 2024.

Reġgħet rat ir-rikors ta' Fatin Pancar tat-12 ta' Jannar 2024.

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2024.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-Kawża.

Rat li rikors tħalla għallum għal digriet.

**Ikkunsidrat**

Huwa indubitat li r-rikors ta’ Fatih Pancar tat-12 ta’ Jannar 2024 jimmira b’mod mill-aktar ċar għall-isfilz tar-referenza kollha tax-xhieda u verżjonijiet mogħtija mill-konjugi Davies fil-proċeduri kriminali. Lanqas ma huwa dubitat, li t-talba għall-isfilz ta’ dokumenti tiġi deċiża b’wieħed minn dawk id-digrieti elenkati taħt artikolu 229(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta (ara art 229(1)(j)).

Bir-rikors odjern, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tirrikonsidra d-digriet tagħha tas-7 ta’ Marzu 2024, li permezz tiegħu ċaħdet it-talbiet għall-isfilz tad-dokumenti in kwistjoni. Dan ifisser, li huwa wkoll manifestament ċar, li dak id-digriet ingħata fi kliem l-istess sub-artikolu 229(1)(j) “*dwar jekk talba tintlaqax jew le għall-isfilz tad-dokumenti mill-atti tal-Kawza*”.

Fis-seduta tas-7 ta’ Marzu 2024, wara li ngħata d-digriet in kwistjoni, l-avukat tal-konvenut iddikjarat li kienet qed tikkonsidira li tinterponi appell minn dan id-digriet. Minflok giet preżentata t-talba odjerna għar-rikonsiderazzjoni. Il-Qorti tifhem għaliex sar dan peress li kif jiddisponi l-artikolu 229(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta f’din iċ-ċirkostanza, appell huwa permess biss mas-Sentenza finali u mhux qabel. Dan ikompli jikkonferma kemm tassew l-artikolu applikabbli għall-każ odjern huwa dak imsemmi aktar ‘l fuq.

Issa bir-rikors odjern ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti, li tirrikonsidra d-digriet tagħha tas-7 ta’ Marzu 2024 u dan qed jagħmluħ in virtu tal-artikolu 229(4) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta li jiddisponi hekk:

“*Fil-każ ta’ xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3), sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors ta’ appell, il-parti aggravate tista’, b’rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba u dan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżenta risposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika”.*(Emfazi tal-Qorti).

Issa artikolu 229(3) jipprovdi għall-appelli minn digrieti qabel is-Sentenza, iżda biss għal dawk id-digrieti li ma humiex previsti u għalhekk mhux imsemmija taħt artikolu 229(2) u (3). Ergo dan ifisser, li bis-saħħa tal-artikolu 229(4) tista’ issir biss talba għar-rikonsiderazzjoni referibbilment għal dawk id-digrieti li hemm refereza għalihom taħt artikoli 229(2) u (3) tal-kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta. Digriet mogħti taħt artikolu 229(1)(j) ċertament ma jaqax f’din il-kategorija ta’ digrieti. Interpretazzjoni differenti tkun biss qed tistulfika l-oġġettiv tal-artikolu

229(1) li jimmira għall-proċedura li ma ttellifx mill-mixi tal-Kawża b'ħeffa mingħajr hafna tumbati proċedurali.

Għalhekk dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li fil-każ tallum, ir-rikors odjern huwa irritwali, għaliex imur kontra l-proċedura li għandha dejjem tkun applikata *ad unguem* sal-punt li lanqas tippermetti l-applikazzjoni prinċipju ta' *ekwipollens* stante li hija ta' ordni pubbliku.

Pero' l-Qorti, anke b'sens ta' ġustizzja trid tgħid, li meta tat id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2024, dan tagħtu biss fil-konfront ta' Fatih Pancar peress li bil-mod kif kien ikkonfezzjonat dan ir-rikors, il-*forma mentis* tal-Qorti kienet li t-talba f'dan ir-rikors kienet qed issir biss minn dak il-konvenut. Dan ifisser, li jekk qatt, id-digriet tagħha tas-7 ta' Marzu 2024 jirreferi biss għal dak il-konvenut u mhux għas-Soċjeta' konvenuta li għalhekk għadha fiż-żmien li tirregola ruħha skond il-liġi.

Il-Qorti għalhekk tappella lill-partijiet, sabiex meta jagħmlu rikors ta' din ix-xorta jkunu aktar speċifiċi u ċari. Mhux sta għall-Qorti li tipprova toqgħod tiddeċifra jew tippreżumi fatti u dettalji bħal dawn.

Fl-aħħar nett il-Qorti tirrileva li qed tagħti dan id-digriet fil-miftuħ u mhux in camera kif ġie verbalizzat fl-aħħar seduta fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 229(5) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħdu mingħajr preġudizzju għal kull drit li talvolta għad għandha s-Soċjeta' rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela LL.D.**

**Illum 10 ta' April 2024**